**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,**

Seduta ta' nhar l-24 ta' Ġunju 2024

Avviż Numru: 204/2023NHV

**BNF Bank p.l.c. ġja Banif Bank (Malta) p.l.c.**
(C41030)

**vs.**

**Welcome Auto Dealer Limited**
(C64346)
u
**Clint La Rosa**
detentur tal-karta tal-identità bin-numru 538587M

Il-Qorti

Rat l-**Avviż** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-21 ta' Awwisu 2023, li permezz tiegħu, is-soċjetà rikorrenti talbet il-ħlas mingħand l-intimati tas-somma ta' disat'elef erba' mija u tmienja u tletin ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€9,438.64) rappreżentanti dejn fuq is-self konċess lid-debitriċi prinċipali permezz ta' Credit Agreement datat 30

ta' Mejju 2018 anness bħala Dokument B[1] liema somma hi dovuta fuq Loan Account numru 428892 71 1 u tinkludi imgħaxijiet maħduma sat-23 ta' Ġunju 2023 t'elf tliet mija u erbatax-il ewro u erbgħin ċenteżmu (€1,314.40) skont l-istatement bankarju anness bħala Dokument C.

Ġew mitluba wkoll l-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi bin-numru 1344/2023 kif ukoll l-ispejjeż tal-mandat kawtelatorju fl-ismijiet premessi innumerat 1481/2023, kif ukoll l-imgħaxijiet mit-23 ta' Ġunju 2023 sad-data tal-ħlas effettiv, bir-rata ta' għaxra punt sitta ħamsa fil-mija (10.65%) fis-sena fuq l-ammont dovut u kif jingħad fl-Artikoli 4 u 9K tal-Credit Agreement, kontra l-intimati, inġunti in subizzjoni.

Rat li mill-atti jirriżulta li għalkemm l-intimati ġew debitament notifikati kemm bl-Avviż promotur u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huma ma kkontestawx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehru għas-seduti li nżammu quddiem il-Qorti.

Rat l-**assenjazzjoni** tal-kawżi u d-doveri ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li daħlu fis-seħħ nhar id-19 ta' Frar 2024, illi permezz tagħha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat il-**Kapitolu** li ġie ppreżentat mis-soċjetà rikorrenti fil-konfront taż-żewġ intimati u l-fatt li kemm is-soċjetà intimata Welcome Auto Dealer Limited u wkoll l-intimat Clint La Rosa naqsu milli jidhru sabiex jirrisponduh, u għalhekk ai termini tal-Artikolu 702 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-istess kapitolu għandu jittieħed bħala mistqarr.

**Deċide**

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjetà rikorrenti tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, il-Qorti tilqa` t-talba attriċi u konsegwentement tikkundanna lis-soċjeta` intimata Welcome Auto Dealer Limited *in solidum* mal-intimat Clint La Rosa iħallsu lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' disat'elef erba' mija u tmienja u tletin ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€9,438.64), bl-imgħax kif pattwit bejn il-partijiet u cioe bir-rata ta'

[1] Is-self ingħata lid-debitur prinċipali Welcome Auto Dealer Limited, għal-liema self daħal garanti in solidum mal-prinċipal l-intimat Clint La Rosa;

għaxra punt sitta ħamsa fil-mija (10.65%) fis-sena dekorribbli mit-23 ta' Ġunju 2023, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, kif mitluba, huma a karigu tal-intimati *in solidum*.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur